# GĦELUQ IL-MITT SENA (1919 - 2019) TAL-IRVELL TAL-MALTIN FIL-BELT VALLETTA

RAYMOND MIFSUD




Kull pajjiż kbir jew żgħir, kemm fil-popolazzjoni kif ukoll fid-daqs, għandu xi ġrajja partikolari xi jfakkar. Hekk ir-Russja tfakkar ir-Rivoluzzjoni Bolxevista mmexxija minn Vladimir Lenin, l-Amerika tfakkar il-Gwerra Ċivili, Franza tfakkar ir-Rivoluzzjoni kontra l-Monarkija u l-waqa' ta' Bastilja. Anke pajjiżna għandu ġrajja xi jfakkar tul il-ħakma ta' 7,000 sena li ġnus barranin ġew u ħakmu dawn il-gżejjer, ibda min-Neolitiċi li ġew u għammru u bnew it-Tempji Neolitiċi tal-Ġgantija fix-Xagħra Għawdex, raħal twelidi li jiena tant inħossni kburi li ngħix fih, sa ma ġew l-Ingliżi l-aħħar ħakkiema barranin li saltnu fuq dawn il-gżejjer f'nofs il-baħar Mediterran għal 179 sena sħaħ, bejn l-1800 u 1979.

Proprju din il-ġrajja li qed infakkru llum tas-7 Ġunju 1919, seħħet taħt il-ħakma twila tal-Ingliżi f'Malta. Għalkemm l-Ingliżi ġew Malta fuq talba tal-Maltin fl-1800 wara li bi qlubija kbira flimkien mal-Maltin għamlu l-imblokk kontra l-Franċiżi meta sakkruhom fil-Belt Valletta, keċċew lil Franċiżi li damu sentejn b'kollox. L-Ingliżi ħadu lil Malta uffiċjalment permezz tat-Trattat ta' Pariġi, li seħħ fl-20 ta' Mejju 1814. Sentejn wara li ġew l-Ingliżi, fl-1802, saret Dikjarazzjoni tal-Jeddijiet tal-Maltin, magħmula minn rappreżentanti tal-Poplu Malti fil-'Consiglio Popolari', u ċioe li kienet żżomm il-jedd li niggvernaw lilna nfusna, jedd li qatt ma ngħatalna lilna l-Maltin mill-ħakma Ngliża. Dan il-jedd ngħata lil Maltin 119-il sena wara (fl-1921) permezz ta' din il-ġrajja li llum qed infakkru.

## L-IRVELL TAL-MALTIN 'SETTE GIUGNIO 1919'

Tajjeb li nfakkru lit-tfalu liż-żgħażagħ tagħna u l-ġenerazzjoni li tiela, is-sinjifikat ta' din il-ġrajja mdemma li ġarrab il-poplu Malti u Għawdxi. Huwa dmir tagħna lkoll li nfakkru kif u għaliex seħħet din il-ġrajja. Fil-bidu tas-Seklu 20, bejn 1914 – 1918, seħħet l-ewwel Gwerra Mondjali, magħrufa bħala l-Gwerra l-Kbira, fejn ħalliet madwar 20 miljun persuna mejta bla sens, tifrik, tbatija u taqlib soċjali u ekonomiku kbir. Malta gżira żgħira f'post strateġiku, f'nofs il-baħar Mediterran, tat sehem importanti fit-taqbid u d-difiża, l-għaliex bit-tarzna tal-Ammiraljat f'Bormla kienu daħlin u ħerġin mill-portijiet tagħna kull tip ta' bastimenti tal-gwerra. Matul il-gwerra xi sezzjoni tal-poplu stagħniet, kien hawn ix-xogħol. Iżda meta spiċċat il-gwerra, rega' tfaċċa il-ġuħ, nuqqas ta' xogħol, tallaba fit-toroq, u emigrazzjoni sfurzata u f'numru kbir. Il-pagi komplew jonqsu u l-ħajja għoliet immens. Il-ħobż li kien in-nutriment ewlieni tal-Maltin, li taffa lill-poplu mġewwaħ, il-prezz tiegħu għola minn erba' soldi u nofs għal sitt soldi u nofs ir-ratal, meta l-pagi kienu ftit soldi kuljum. Dan kollu seħħ għaliex konna sudditi tal-Gran Brittanja. Il-poplu Malti xeba f'din il-qagħda, iservi lill-ħakkiema barranin, u permezz tal-kunsilliera tiegħu, Azzoppardi Zammit Pullicino u Inglott, taħt it-tabib Sir Filippo Xiberraxs, bdew jiltaqgħu fil-każin 'La Giovine Malta' li kien fi Triq Santa Luċija, il-Belt Valletta, biex ifasslu l-Assemblea Nazzjonali ġdida.

Aktar ma bdew jiltaqgħu dawn in-nies ħalli titwaqqaf l-Assemblea Nazzjonali biex niksbu Kostituzzjoni ġdida u xierqa mill-Gvern Ingliż il-ħakkiem, aktar il-folol Maltin mgħaddba għall-Ingliżi bdew jidħlu l-Belt Valletta, iħufu fit-toroq ewlenin tal-Kapitali. Ħadd qatt ma bassar li fis-7 ta' Ġunju 1919, waqt li l-mexxejja Maltin kienu qed jiddiskutu kostituzzjoni ġdida, dak in-nhar il-Malti għadab bl-aħrax kontra l-okkupazzjoni Ingliża. Xtered demm il-Malti. Saru l-protesti u saret ħsara f'xi djar ta' importaturi tal-qamħ, bħal ta' Cassar Torreggiani u Ċikku Azzopardi. Inħarqet l-istamperija tal-Malta Chronicle. Ġie kontinġent ta' suldati, xi 70 b'kollox u sparaw fuq il-folla u laqtu tnejn min-nies. Dan seħħ fi Triq l-Ifran. Dawn kienu Manwel Attard minn Tas-Sliema u Ġużeppi Bajada mix-Xagħra Għawdex. Ftit war reġgħu sparaw u qatlu t-tielet vitmma li kien Wenzu Dyer mill-Birgu. Aktar tard miet Carmelo Abela.

Fil-fixla li kien hemm innies beżgħet, ġriet u min mar jistaħba, oħrajn ġarrew il-midrubin lejn il-berġa fi Strada Stretta, u grupp ieħor qabad il-katavru ta' Ġużeppi Bajada li kien minxur flart u geżwruh fil-bandiera Maltija, li ċċapset kollha kemm hi bid-demm Malti. Ħuna Ġużeppi Bajada ma marx jipprotesta mall-bqija tal-Maltin. Kien il-Belt Valletta fi ftriqtu lejn l-Amerika biex ifittex ix-xogħol. Miegħu kien hemm Xagħri ieħor, Ċikku Gauci, llum mejjet, li skansa l-balal tal-azzarini u kompla fi triqtu lejn l-Amerika għax ħafna minn dan it-tagħrif hadtu minn fommu stess fi xjuħitu. Żgur li dawn l-inħawi ta' Bullara u ta' Ġnien Imrik fix-Xagħra Għawdex qatt ma raw dawkix-xeni, li ra ħuna x-Xagħri Ġużeppi Bajada fis-7 Ġunju 1919, eżatt llum mitt sena wara. Ġużeppi Bajada fis-sempliċita tiegħu ma kienx jaf x'inhu jiġri; moħħu kien li jmur f'dinja ġdida li kienet l-Amerika. Iżda permezz tal-mewt tiegħu mill-balal tal-azzarini tas-suldati Ngliżi, hu flimkien ma' sħabu l-oħra maqtula, saru eroj nazzjonali, għax bil-mewt tagħhom aħna l-Maltin sirna niggvernaw lilna nfusna. Permezz tat-tixrid tad-demm tagħhom ksibna l-Gvern Responsabbli li xtaqnih sa minn meta ġew l-Ingliżi, għax permezz ta' din id-data storika, kellna l-ewwel Parlament Malti, li seħħ fl-1 ta' Novembru 1921.

Mhux biss il-Maltin u l-Għawdxin għandhom jkunu kburin b'din il-ġrajja, iżda aħna x-Xagħrin għandna nkunu aktar għax wieħed minn ħutna ċarċar demmu għal futur ta' dawn il-gżejjer, għax kien permezz tiegħu u ta' sħabu l-oħra, mexa 'l quddiem fil-mixja Kostituzzjonali tiegħu, għax imbagħad 45 sena wara din il-ġrajja mdemmija, l-poplu Maltikiseb l-Indiopendenza fil-21 ta' Settembru 1964. Għaxar snin wara, fit-13 ta' Diċembru 1974, pajjiżna sar stat sovran bil-Kostituzzjoni Repubblikana, bl-ewwel President Malti kien Sir Anthony Mamo.

Ħames snin wara, fil-31 ta' Marzu 1979, Malta kisbet il-ħelsien sħiħ tagħha, meta l-forzi barranin (l-Ingliżi) ħallew dawn il-gżejjer darba għal dejjem. Kienet din il-ġrajja tal-lum li qed nikkomemoraw, li bdiet il-mixja Kostituzzjonali tagħna l-Maltin u l-Għawdxin. L-appell tiegħi hu li mhux in fakkru lil dan ħuna Ġużeppi Bajada llum biss, iżda kull darba li ngħaddu minn dawn l-inħawi fi Triq Bullara x-Xagħra Għawdedx, u permezz ta' din il-kommemorattiva niftakru li Ġużeppi Bajada ma marx l-Amerika bħal sħabu l-oħra biex jaqla' aktar flus u sib futur aħjar, iżda niftakru li Ġużeppi Bajada ċarċar demmu għalina biex ngħixu filpaċi u l-kwiet, b'rajna f'idejna.

L-Isqof Dumnikan Monsinjur Angelo Portelli ħadem u stinka biex jieqfu l-irvellijiet fil-Belt Valletta u li kulħadd jmur lura lejn daru. Kien hu wkoll li rsista biex jingħata funeral diċenti lill-erba vittmi u li jingabru flus għalihom.. L-ewwel monument tas-Sette Giugno 1919 fiċ-ċimiterju tal-Addolorata kiken ġie iddisinjat mill-artist Malti Ġanni Vella (1885 – 1977) minn Bormla u nħadem mill-iskultur Russu Boris Edwards. Sfortunatament Edwards ma kienx laħaq lesta ħidmietu, għax miet fit-12 ta' Frar 1924. L-inawgurazzjoni tal-monument kienet saret fit-8 ta' Ġunju 1925. Boris Edwards kien ġie Malta fl-1919 bħala refuġjat mir-Rivoluzzjoni Bolxevista fir-Russja, sena wara mit-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija (1914 – 1918). It-tieni monument tal-vittmi tas-7 Ġunju 1919 fi Pjazza San Ġorġ quddiem il-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, huwa xogħol tal-iskultur Malti Anton Agius. Dan il-monument ġie inawgurat fis-7 ta' Ġunju 1986.

Meta jien Raymond Mifsud, l-awtur ta' dan l-artiklu kont kunsiller fil-Kunsill Lokali tax-Xagħra Għawdex, nhar il-Ħadd 7 ta' Ġunju 1998 fi Triq Bullara, ix-Xagħra Għawdex magenb id-dar fejn trabba l-kompajżan tagħna Ġużeppi Bajada, għamilt diskors storiku u kommemorattiv fil-Festa Nazzjonali tas-Sette Giugno.